MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Numru. 174/2001

PULIZIJA
SPETTUR DAVID SALIBA
VS
TERENCE GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Terence Grech ta' 27 sena bin Emanuel u Josephine nee Caruana imwieled Pieta fid-9 ta' Mejju 1973 u joqghod 6, Alley 1, Mdina Road, Naxxar numru tal-karta tal-identita 245473M talli f'd awn il-gzejjer f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni ikkommetta diversi reati ai termini tal-artikolu 18 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fit-30 ta' Settembru 2000 minn garage li huwa sitwat gewwa Mdina Road, Zebbug matul il-gurnata, kkommetta serq ta' diversi ghoddod li jiswew aktar minn Lm100 izda

anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' John Bonello min Haz-Zebbug liema serq huwa aggravat bil-mezz, u valur.

Talli fil-11 t'Ottubru 2000 u fil-granet ta' qabel mill-Imriehel, limiti ta' Hal Qormi, matul il-gurnata kkommetta serq ta' magna tal-gebel u cioe Band Saw li tiswa aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000 ghad-dannu ta' Saviour Agius mill-Iklin liema serq huwa aggravat bil-mezz u valur.

Talli fl-istess dati, f'diversi lokalitajiet f'hinijiet differenti, u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tiskorri s-somma ta' Lm50 izda anqas minn Lm500, ghad-dannu tas-sidien rispettivi taghhom.

Talli fl-istess dati, ziminijiet u cirkostanzi laqgha ghandu, jew xtara hwejjeg misruqa jew akkwistati b'qerq, liema oggetti jew akkwistati b'reati sew jew dawn saru f'Malta, jew barra minn Malta jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Talli huwa jinsab jinsab ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu imhassra jew mibdula. Kif wkoll talli ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv tas-sentenzi sospizi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fis-27 ta' Gunju 1997 Awla 2, u 3 ta' Frar 1998 Awla 8.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-25 ta' Settembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-hames u sitt akkuza bl-akkuzi l-ohra assorbiti, u wara li rat Art 18, 334, 49 u 50 u 28A u G tal-kap 9 u tqieghed lill-imputat taht suspended sentence supervision order u tikkundannah  ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba snin u dan that is-sorveljanza tal-probation officer Carmen Nygaard.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------